QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)
GURISDIZZJONI SUPERJURI
SEZZJONI GENERALI

Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.

Seduta tad-19 ta' Ottubru 2018

Rikors guramentat numru 86/2016

Salvu Mintoff & Sons Limited

-vs-

A.F. Ellis Limited u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2017 giet kjamata fil-kawza s-socjeta' Penza Construction Limited

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:

1. Is-socjeta' rikorrenti provdiet materjal u xi servizzi lis-socjeta' intimata u cioe' A.F. Ellis Limited (C3186) ta' "Richard Ellis Building", Triq il-Biccerija, Xewkija Industrial Estate Victoria XWK 3000 in konnessjoni ma' xi xoghol ta' kostruzzjoni.
2. Illi s-socjeta' intimata ghad fadlilha thallas l-ammont ta' hamsa u sittin elf, u tnejn u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€65,052.59) rapprezenanti bilanc minn ammont akbar, fejn l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mija u sbatax-il ewro u hamsa u tletin centezmu (€21,517.35) rapprezenanti in kwantu ghall-materjal u/jew servizzi provduti mis-socjeta' esponenti fuq inkarigu tas-socjeta' ntimata, u l-ammont ta' hamsa u erbghin elf u hames mija u hamsa u tletin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€45,535.24) rapprezentanti mghax dovut mis-socjeta' intimata sat-tletin (30) ta' Settembru 2015.
3. Illi l-esponenti jaf il-fatti di xenzja proprja u jikkonferma l-korrettezza shiha ta' dawn il-fatti.

4. Illi s-socjeta' intimata nonostante li giet debitament interpellata sabiex tersaq ghall-hlas dovut lis-socjeta' esponenti, anke permezz ta' ittra ufficjali bin-numru 708/2015 u datata disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru elfejn u hmistax (2015) baqghet inadempjenti u dan minghajr raguni valida fil-ligi.
5. Illi dana d-debitu huwa cert, likwidu u dovut u li ghalaq u fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti s-socjeta' intimata ma ghandha l-ebda eccezzjoni x'tissolleva kontra l-pagament tal-istess. Illi dan id-debitu jirrizulta mill-invoices annessi u mmarkati mar-rikors guramentat.

Talbet li din l-Onorabbli Qorti:

1. Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-procedura Civili;
2. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' rikorrenti ghas-somma ta' hamsa u sittin elf, u tnejn u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€65,052.59) rapprezentanti bilanc minn ammont akbar, fejn l-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf u hames mija u sbatax-il ewro u hamsa u tletin centezmu (€21,517.35) rapprezentanti in kwantu ghall-materjal u/jew servizzi provduti mis-socjeta' esponenti fuq inkarigu tas-socjeta' intimata u l-ammont ta' hamsa u erbghin elf u hames mija u hamsa u tletin ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€45,535.24) rapprezentanti mghax dovut mis-socjeta' intimata sat-tletin (30) ta' Settembru 2015, liema ammont huwa cert, likwidu u dovut.
3. Tikkundanna u tordna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti l-ammont minnha dovut ta' hamsa u sittin elf, u tnejn u hamsin ewro u disgha u hamsin centezmu (€65,052.59).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 708/2015 datata disgha u ghoxrin ta' Ottubru elfejn u hmistax (29.10.2015) u bl-imghax kummercjali mill-ewwel (1) ta' Ottubru 2015 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata li minn issa hja ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' A.F. Ellis Ltd fejn ikkonfermat:

1. Illi fl-ewwel lok, il-hlas dovut lis-socjeta' attrici kellu jigi saldat mis-socjeta' Penza Construction Ltd (C5992) illi kienet debitrici tas-socjeta' esponenti u dina t-tpacija kellha ssehh bi qbil mal-istess socjeta' attrici kif ser jintwera fil-kors tal-kawza. Is-socjeta' "Penza Construction Ltd" (C5992) wetqet bosta hlasijiet akkont matul is-snin u s-socjeta' esponenti mhix f'posizzjoni li tghid jekk ghadx hemm xi ammont dovut lis-socjeta' attrici ghax kienet l-istess socjeta' attrici illi kienet tiehu hsieb illi tigbor il-flus minghand s-socjeta' "Penza Construction Ltd" (C5992). Jekk ghad hemm xi ammont dovut lis-socjeta' attrici, din ghandha terfa' r-responsabbilita' illi ttolerat il-prokrastinazzjoni da parti tas-socjeta' "Penza Construction Ltd". Kien anke gie abbozzat ftehim sabiex jiffinalizza dina t-tpacija illi baqa' ma giex iffirmat minhabba illi s-socjeta' attrici naqset illi tghaddi r-rendikonti li kellha tghaddi lis-socjeta' Penza Conjstruction Ltd. Ghaldaqstant, ikun opportun illi tigi kjamata in kawza s-socjeta' "Penza Construction Ltd". (C 5992) sabiex tirrispondi ghat-talbiet attrici.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost ukoll, l-ammont pretiz qieghed jigi kkontestat ghax m'huwiex korrett u ma jaqbilx ma' l-ammont li kien reklamat fil-passat kif ser jintwera.
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost ukoll, m'humiex ammissibbli mghaxijiet ultra duplum fuq l-ammont talvolta dovut u ghaldaqstant, l-ammont ta' mghax illi gie mizjud fir-resokont tas-socjeta' attrici m'huwiex korrett.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat illi fil-verbal tal-5 ta' Mejju, 2017 il-Qorti laqghet it-talba sabiex tigi kjamata fil-kawza s-socjeta' Penza Construction Ltd.

Rat illi skont riferta esebita a fol. 40 et ergo tal-process s-Socjeta' kjamata fil-kawza tidher li giet notifikata nhar it-12 ta' Mejju, 2017 b'riferta li tiddikjara li l-Marixxall tal-Qrati tal-Gustizzja ta' Malta Marco Bonnici ta r-rikors lil certa Sandra Axiak gewwa Hal-Far.

Rat illi fil-verbal tal-14 ta' Lulju, 2017 gie dikjarat illi:

'Mill-atti jirrizulta li s-socjeta' kjamata fil-kawza ghalkemm debitament notifikata fit-12 ta' Mejju, 2017 ma giet ipprezentata l-ebda risposta'

filwaqt illi fl-istess seduta s-Socjeta' kjamata fil-kawza u rapprezentant taghha ghalkemm msejha diversi drabi ma dehrux.

Rat illi permezz ta' rikors datat 8 ta' Awissu, 2017 is-Socjeta' kjamata fil-kawza esponiet u talbet kif isegwi:

> Illi, permezz tar-rikors guramentat promutorju taghha, il-kumpanija attrici talbet il-hlas tas-somma kumplessiva ta' €65,052.29, u dan ghar-ragunijiet hemm imfissra;
>
> Illi, permezz ta' digriet tal-5 ta' Mejju 2017 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-kumpanija konvenuta sabiex tigi kjamata fil-kawza l-kumpanija esponenti;
>
> Illi, mill-atti, jidher illi nhar it-12 ta' Mejju 2017, il-Marixxal inkarigat min-notifika halla kopja ta' l-atti ma' Sandra Axiak sabiex iservu bhala notifika lill-kumpanija esponenti;
>
> Illi, madanakollu, bhala fatt, tali kopja waslet ghand Carmelo Penza, bhall-uniku direttur, rapprezentant guridiku, u segretarju tal-kumpanija esponenti, diversi gimghat wara, u cioe' wara li kienu skadew l-ghoxrin (20) jum permessibbli mil-ligi sabiex il-kumpanija esponenti tkun tista' tipprezenta r-risposta guramentata taghha;
>
> Illi, bhala fatt, Sandra Axiak mhijiex impjegata tal-kumpanija esponenti, u qatt ma kienet awtorizzata sabiex tirrapprezenta lill-kumpanija esponenti;
>
> Illi, fil-fehma umli tal-kumpanija esponenti, is-suespost ghandu juri b'mod car illi ma kien hemm l-ebda nuqqas volut li jista' jammonta ghall-htija min-naha tal-kumpanija esponenti u certament l-ebda dispett lejn is-sejha tal-Qorti, u ghalhekk l-istess kumpanija esponenti m'ghandhiex tbaghti s-sanzjoni rigoruza li jgib mieghu l-istitut tal-kontumacja, u dan kemm fl-ahjar interess

tal-amministarrazzjoni tal-gustizzja, u anke in salvagwardja tal-principju *audi alteram partem;*

Illi kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Market Handle Limited (C49546) vs Farenheit Freight Forwarders Co. Limited (C 17421) Elaine Sant Galea u Alfa Company Limited,** moghtija nhar it-12 ta' Jannar 2012;

"Fuq ix-xaqliba l-ohra, u minhabba l-effett irriversibbli li l-kontumacja ggib maghha, il-Qrati taghna ddecidew li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata u mfissra b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas volut min-naha tal-persuna mharka li jista' jammonta ghall-htija, m'ghandu jkun hemm l-ebda diffikulta li l-kontumacja titqies gustifikabbli;

Illi jrid jinghad ukoll li meta u jekk il-Qorti ssib li l-kontumacja ta' persuna mharka hija gustifikabbli u thalli lil din il-parti tressaq id-difiza taghha ma tkunx b'daqshekk biss titqies li qeghdha tikkastiga lill-attur, imma biss tregga' f'postu l-ekwilibrju tal-partijiet fl-ahhar istruzzjoni tal-gudizzju. Wara kollox, kull min jiftah kawza kontra parti ohra (ghalkemm forsi jittama ghall-kuntrarju) dejjem jistenna li l-parti l-ohra, malli tircievi l-atti tal-kawza, sejra tressaq il-kontestazzjoni taghha;

(...)

Illi sa minn dejjem, il-Qrati taghna qiesu li jaghmlu differenza bejn il-kontumacja b'tort u dik gustifikabbli. Huma ssoktaw b'din il-linja wkoll sa dawn l-ahhar zminijiet u gharfu u fissru bejn dik il-parti mharka li turi disinteress assolut u l-ohra li turi kull fehma li tikkontesta l-kawza u li ma lahqitx ghamlet dan jew ma lahqitx uzat il-mezzi li taghtiha l-ligi ghal raguni li ma kinitx tahti ghaliha;

(...)

Illi min-naha l-ohra, il-principju ewlieni tal-haqq naturali tal-audi alteram partem jitfa' responsabbilta' mhux zghira fuq il-gudikant li jgharbel bl-akbar reqqa u qies xilja li twassal lil xi wahda mill-

partijiet li tigi mizmuma milli tressaq il-kaz taghha quddiem it-tribunal li jkun".

Ghaldaqstant, il-kumpanija esponenti titlob umilment u bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tawtorizzaha tipprezenta r-risposta guramentata taghha, fil-forma li trid il-ligi, fl-atti tal-kawza odjerna, f'dak it-terminu qasir u perentorju li din l-istess Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa ghal dan l-iskop, u dan ghar-ragunijeit kollha hawn fuq premessi u salv kwalsiasi provvediment ulterjuri li din l-istess Onorabbli Qorti jista' joghgobha timponi.

Rat ir-risposta tas-socjeta' A. F. Ellis Limited datata 11 ta' Settembru, 2017 fejn esponiet kif isegwi:

Illi s-socjeta' Penza Construction Limited (C-5992) permezz tar-rikors taghha qeghdha tipprova tiggustifika l-kontumacja taghha stante li skont hi l-atti tal-kawza thallew ma' Sandra Axiak, li ma hijix impjegata tas-socjeta' Penza Construction Limited.

Illi s-socjeta' rikorrenti ma ressqet ebda prova li din il-persuna realment ma ghandha l-ebda konnessjoni mas-socjeta' Penza Construction Limited.

Illi, barra minn hekk, fl-artikolu 187 tal-Kap. 12, il-ligi tirrikjedi li n-notifika ghandha ssir "billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod **jew** tahdem **jew** fil-post tax-xoghol **jew** fl-indirizz postali ta' dik il-persuna f'idejn membru tal-familja jew tad-dar **jew** f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna **jew** f'idejn il-prokuratur taghha **jew** persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha". U ghalhekk ghandu jkun sufficjenti li n-notifika ssir b'mod li tissodisfa anke wiehed biss minn dawn ir-rekwiziti.

F'dan il-kaz, in-notifika saret fil-post tax-xoghol **u** fl-indirizz postali tal-kjamata fil-kawza; u, ghalhekk ma hemm l-ebda lok li jsir xi ndagini jekk Sandra Axiak kinitx jew le impjegata ma' Penza Construction Limited, anki jekk l-esponenti jinsabu konvinti li effettivament Sandra Axiak hija ta' l-inqas fis-servizz ta' din il-kumpanija jew ta' kumpanija ohra li tifforma parti mill-grupp ta' Penza.

Ghandu jigi nnotat ukoll li l-ligi ma tirrikjedix li l-persuna li tircievi n-notifika tkun "impjegata" imma biss li hija tkun "fis-servizz taghha". Bir-rispett kollu jekk it-tentattivi ta' Penza Construction jirnexxi jkun effettivament ifisser li meta, bhal f'dan il-kaz, kumpanija tifforma parti minn grupp ta' kumpaniji li lkoll ghandhom l-istess indirizz registrat u jaqsmu bejniethom l-uzu ta' ufficcju centrali, il-vot tal-ligi li jirrikjedi li risposta guramentata ghandha tigi pprezentata fi zmien 20 jum min-notifika ser ikun kwazi mpossibbli jekk mhux ukoll assolutament impossibbli li jigi applikat. Dan ghaliex iktar ma jkun hemm numru kbir ta' kumpaniji li jaqsmu ufficcju centrali, ikbar ser tkun il-probabbilita' li l-persuna li effettivament tircievi l-att li ghandu jigi nnotifikat ma tkunx "impjegata" tal-intimata, anki jekk effettivament tkun "fis-servizz taghha".

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici esponenti topponi ghat-talba mressqa fir-rikors tas-socjeta' kjamata in kawza Penza Construction Limited stante li ma tezistix ebda gustifikazzjoni ghall-kontumacja taghha f'dan l-istadju.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Salvu Mintoff & Sons Limited datata 1 ta' Dicembru, 2017 fejn gie espost kif isegwi:

1. Illi l-esponenti ra r-rikors li gie pprezentat mis-socjeta' Penza Construction Limited biex tipprezenta risposta guramentata u hi spjegat kif u meta saret in-notifika lilha u dan skont kif jitlob il-Kodici ta' Procedura u Organizzazzjoni Civili u dan wara talba li saret mis-socjeta' intimata biex tigi kjamata fil-kawza l-istess Penza Construction Limited;

2. Illi l-esponenti ma ghandux ebda oggezzjoni li din l-Onorabbli Qorti tisma' lir-rapprezentanti tas-socjeta' Penza Construction Limited biex jispjegaw kif u meta gew notifikati bl-atti tal-kawza odjerna u dan mhux biss biex jigu sodisfatti d-dettami fundamentali tal-ligi imma aktar minn hekk biex il-gustizzja tidher li qeghdha tigi applikata b'mod l-aktar gust u trasparenti;

3. Illi jekk dak li qalet l-imsemmija socjeta' Penza Construction Limited huwa minnu u dan jigi pruvat sal-livell ta' prova rikjesta mil-ligi allura l-esponenti jirrimetti ruhu ghal kull provvediment li

din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti biex is-socjeta' Penza Construction Limited tipprezenta risposta guramentata tenut kont li r-relazzjoni kummercjali li l-esponenti kellha u li hija suggett ta' din l-kawza kienet mas-socjeta' intimata u mhux ma' Penza Construction Limited;

4. Illi din l-Onorabbli Qorti diga' kellha l-opportunita' li tisma' lir-rapprezentanti tal-esponenti jixhdu b'mod car fuq il-mertu tal-kawza u t-talba tas-socjeta' intimata hija biss intiza biex tipprova ccajpar l-andament tal-kawza;

Ghaldaqstant s-socjeta' esponenti umilment tirrimetti ruhha ghal kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghti wara li tkun semghet ir-rapprezentanti tas-socjeta' Penza Construction Limited biex din tal-ahhar tipprezenta risposta guramentata taghha.

Semghet ix-xhieda ta' Carmelo Penza (fol. 107 et seq) rapprezentant u Direttur tas-Socjeta' kjamata fil-kawza fejn ta r-ragunijiet tieghu ghalfejn skont hu l-kontumacja tal-kumpanija rapprezentata minnu ghandha tigi gjustifikata minn din il-Qorti w'ghalhekk tidhalla tipprezenta r-risposta taghha fl-atti. Ix-xhud jikkonferma li l-indirizz fejn saret in-notifika huwa dak tal-kumpanija kjamata fil-kawza u jikkonferma li d-dokument inghata lil Sandra Axiak fl-ufficcju tieghu gewwa Hal Far. Jghid li f'dan l-indirizz hemm makkinarju u mhazen. Jixhed li fiz-zmien li r-rikors guramentat thalla ma' Sandra Axiak fl-ufficcju tieghu huwa ma kienx jersaq hafna 'l hemm ghax kien qed jaghmel xi testijiet tad-demm mbaghad mar u sab l-envelope fil-kamra tieghu u cempel lill-avukat mill-ewwel. Jixhed ukoll li fuq l-istess indirizz hemm kumpaniji ohra tieghu registrati. Jixhed li Sandra Axiak hija direttur ta' kumpanija ohra li hadet it-tmexxija tal-apparat tal-kumpanija tieghu u fl-ahhar jghid li Sandra Axiak hija bintu. Jikkonferma wkoll li qabel hadet it-tmexxija tal-makkinarju permezz ta' kumpanija ohra xi sentejn qabel hija kienet ukoll tahdem mieghu fi hdan il-kumpanija Penza Construction. Jikkonferma li huwa kuntatt mat-tfal ikollu regolari. Mistoqsi jiftakarx meta sab il-karta l-ewwel darba ma jafx jirrispondi izda jishaq li mar ghand l-Avukat mill-ewwel. Fuq domandi ulterjuri jghid li dak iz-zmien tan-notifika huwa gieli ghamel gimgha ma jidholx u gieli ghamel jumejn.

Rat ix-xhieda ta' Sandra Axiak (Fol. 137 et seq) li tghid li hija d-Direttur tan-Northwind Investments Ltd u li ilha hekk ghal xi sentejn. Tghid li xi

kultant tmur Hal Far ghax ghandha l-makkinarju imma ma tmurx spiss Mistoqsija x'ghamlet bil-karti li thallew maghha tirrispondi:

'tfajthom fuq id-desk hu!'. (fol. 139)

'ma niftakarx f'liema desk, ta'! Mort tfajthom fuq desk.' (fol. 140)

Tikkonferma li missierha ma kienx qed jidhol ghax-xoghol ghaliex kien qed jaghmel xi testijiet. Tghid izda li kien imur imma mhux spiss. Mistoqsija ghalfejn ma nfurmatx lil missierha li waslet karta li evidentement kienet tidher li gejja mill-Qorti tghid:

'Ghax jiena ffirmajtha u daqshekk, jigifieri .... imma jiena jigifieri hemm hekk inzertajt hemm, iffirmajt u tlaqtha 'l hemm u tlaqt, to be honest.'

Filwaqt li sarulha domandi dwar il-kumpanija Northwind u jekk tafx li missierha Carmelo Penza huwa azzjonist tghid li iva izda titfixkel fuq domandi dwar min aktar huwa azzjonist u jekk hija hijiex biss direttur jew azzjonista wkoll. Tkompli tixhed li tiftakar zgur li ffirmat ghall-karta izda ma tafx kinitx envelope jew karta miftuha shiha. Lanqas tiftakar jekk kienx marixxal li mar bil-karta.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Daniel Calleja (fol. 166) ghan-nom tar-Registratur tal-Kumpaniji li kkonferma li Carmelo Penza huwa direttur kemm tal-kumpanija kjamata fil-kawza kif ukoll segretarju tal-Kumpanija Northwind Investments Ltd.

Rat ix-xhieda tal-Marixxal Marco Bonnici (fol. 169 et seq) li kkonferma li huwa halla r-rikors guramentat ma' Sandra Axiak u jikkonferma li l-post f'Hal Far fejn saret in-notifika huwa jafu sew ghaliex imur spiss b'notifiki. Ighid li huwa staqsa lil Sandra Axiak 'intom bil-kumpanija Penza Construction?' hija qaltlu iva u ta l-att tal-Qorti. Staqsietu xi jridu jaghmlu bih u jiftakar li qalilha kellem l-Avukat taghkom (fol. 171). Jiftakar ukoll li kellu mazz karti sew u li l-karti kienu miftuhin mhux go envelope. Jixhed illi kieku qaltlu li ma kinitx aworizzata zzomm l-att ma kienx ihalli l-karta u jikteb x'qaltlu (fol. 175).

Rat illi fil-verbal tal-1 ta' Gunju 2018 il-kaz thalla ghad-digriet dwar it-talba tal-gjusitikazzjoni tal-kontumacja ghal-lum bil-fakulta li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi ma hemmx kontestazzjoni li n-notifika saret fl-ufficcju registrat tal-kumpanija kjamata fil-kawza;

Illi ma hemmx dubju li l-inkartament inghata lil Sandra Axiak li hija bint id-Direttur u l-azzjonist tal-kumpanija Carmelo Penza fl-ufficcju tal-kumpanija kjamata fil-kawza;

Illi mill-istess ufficcju jidher li joperaw kumpaniji ohra tal-istess Carmelo Penza fosthom dik li taghha Sandra Axiak hija direttrici;

Illi Sandra Axiak fix-xhieda taghha dehret li hija fehmet li l-karti kienu mill-Qorti u li kienu ghal missierha Carmelo Penza u l-kumpanija tieghu kjamata fil-kawza tant illi tefghethom fuq desk biex huwa jarahom. Nonostante dan ma hassitx il-bzonn li tinforma lil missierha bl-istess karti allavolja fi kliem missierha huwa jaraha spiss u regolari. Meta Carmelo Penza gie mistoqsi kemm kien idum nieqes mill-ufficcju huwa jghid gieli jumejn u gieli gimgha filwaqt li Sandra Axiak xehdet li kienu perjodi itwal. Il-Qorti tinnota li fix-xhieda taghhom dawn iz-zewg xhieda ma qablux fuq bosta punti u mhux biss fuq dan il-punt, fosthom dwar min huma s-sidien u d-diretturi tal-kumpaniji li lkoll jidhru li huma tal-familja. Minn dawn l-inkonsistenzi l-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li z-zewg xhieda kienu qed jippruvaw jahbu lilha dak li vera gara billi jippruvaw jahbu l-izball kbir li ghamlu.

Illi mir-risposti ta' Sandra Axiak hareg car lil din il-Qorti li hija ma tatx l-importanza misthoqqha lill-inkartament li nghata lilha nonostante li hija kkonfermat mal-marixxal tal-Qorti li hija kienet tal-Penza Construction Ltd. (ara x-xhieda suesposta) tant li ghal kemm-il darba xehdet li hi ffirmat u daqshekk u ma tatx hsieb iehor lill-mazz karti mill-Qorti li hija kienet inghatat. Il-Qorti tara li dan l-agir ta' non kuranza huwa aktar estrem u ta' min jistmerru meta hareg mix-xhieda tal-marixxal li Sandra Axiak sahansitra staqsiet xi trid taghmel bihom u dan irrispondiha car u tond biex tkellem l-Avukati (u ma qalilhiex biex titfaghhom fuq desk u tinsihom!).

Illi din il-Qorti fic-cirkustanzi odjerni wara li semghet il-provi kollha dwar din it-talba tqis li n-nuqqas li tigi prezentata risposta ghar-rikors guramentat odjern da parti tal-socjeta' kjamata fil-kawza fit-terminu mpost mil-ligi kien rizultat ta' nuqqas ta' interess assolut da parti tas-socjeta' kjamata fil-kawza u mhux ghaliex in-notifika kienet b'xi mod monka fil-ligi. Il-kontumacja tas-socjeta' konvenuta evidentement kienet wahda volontarja u kolpuza ghall-ahhar sakemm din tal-ahhar irrealizzat il-gravita' tal-kontumacja taghha u pruvat tiggustifikaha billi prezentat ir-rikors odjern u tipprova ggieghel temmen lil din il-Qorti li r-risposta ma saritx ghaliex Carmelo Penza kien qed jaghmel xi testijiet tad-demm meta fi kliemu stess hu kien jidhol fl-ufficcju kull jumejn jew kull gimgha, perjodi li t-tnejn li huma kienu jaghtu zmien ampju lil Carmelo Penza jmur ghand l-Avukat u tigi prezentata risposta fil-hin u mhux diversi xhur wara!

Illi l-gurisprudenza tal-Qrati Maltin dwar il-kontumacja b'referenza wkoll ghall-gurisprudenza kkwotata mis-socjeta' A.F. Ellis Ltd. fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha hija kontra li tigi ggjustifikata l-kontumacja fic-cirkustanzi tal-kaz odjern kif hawn fuq deskritti, filwaqt li l-ligi wkoll ma taghti l-ebda sostenn legali lit-talba tas-socjeta' kjamata fil-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti b'referenza ghar-rikors tal-kjamata fil-kawza datat 8 ta' Awissu, 2017 tichad it-talba sabiex hija tigi awtorizzata tipprezenta risposta guramentata fl-atti u tordna l-kontinwazzjoni tas-smiegh tar-rikors guramentat.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur